



C/2024/3748

24.6.2024

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-oblaster (il-Bulgarija) fil-15 ta' April 2024 – “LUKOIL Bulgaria” EOOD vs Komisia za zashtita na konkurensiata

(Kawża C-260/24, LUKOIL Bulgaria)

(C/2024/3748)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Sofia-oblaster

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: “LUKOIL Bulgaria” EOOD

Konvenut: Komisia za zashtita na konkurensiata

Domandi preliminari

1. L-Artikolu 102 TFUE, kif ukoll il-prinċipi ta' drittijiet tad-difiża, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, inkluża l-preżunzjoni ta' innoċenza, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ ta' ksur marbut ma' kompressjoni tal-prezzijiet (kompressjoni tal-marġni), is-swiegq ikkonċernati (jiġifieri s-swieq li fihom jitwettaq il-ksur) huma **żewġ iswieq vertikali, is-suq upstream u s-suq downstream**, u li għalhekk huwa **speċifikament fir-rigward ta' dawn iż-żewġ iswieq ikkonċernati** li l-awtorità tal-kompetizzjoni hija meħtieġa tippreżenza, fid-dikjarazzjoni ta' ogħeżżonijiet u fl-adozzjoni tal-att finali, **allegazzjonijiet fattwali dwar il-volum tas-swieq ikkonċernati, dwar l-atturi li joperaw fis-swieq ikkonċernati u l-partijiet tas-suq tagħhom f'dawn is-swieq, inklużi l-partijiet tas-suq miżmura mill-imprija li skont din l-awtorità għandha pożizzjoni dominanti fis-swieq ikkonċernati?**
2. L-Artikolu 102 TFUE, moqri fid-dawl tal-prinċipi ta' drittijiet tad-difiża, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, inkluża l-preżunzjoni ta' innoċenza, għandu jiġi interpretat fis-sens li, **fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 102 TFUE, ma jippermettix li fl-istess suq nazzjonali ta' prodott jiġu inklużi prodotti li ma jistgħix jitqiesu li huma sostitwibbli, la mill-perspettiva tad-domanda u lanqas mill-perspettiva tal-offerta, kif iżda għamlet il-Komisia za zashtita na konkurensiata (il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni, il-Bulgarija) fil-kuntest tal-proċedura ineżami, li inkludiet fl-istess suq ta' prodott il-karburanti għal magni li huma d-diesel u l-petrol tat-tip A-95H?**
3. Jekk huwa permissibbli li, fl-istess suq nazzjonali ta' prodott, jiġu inklużi karburanti għal magni li ma humiex sostitwibbli, la mill-perspettiva tad-domanda u lanqas mill-perspettiva tal-offerta, huwa permissibbli li fl-istess suq ta' prodotti ta' karburanti għal magni ma jiġix inkluż karburant ieħor għal muturi li huwa importanti fis-suq nazzjonali, jiġifieri l-gass likwifikat miż-żejt (LPG), li fis-suq nazzjonali jgħawdi minn parti tas-suq daqs dak tal-petrol?